MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Numru 6/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**
**Anthony Cachia iben Peter u Salvina Nee' Zammit, imwieled Ħal-Safi fil-25 Ta' Jannar, 1954, detentur tal-karta tal-Identita' numru 171654(M) u residenti 'Boganville' Triq Bieb il-Ġarra, Ħal-Safi.**

**Sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża Numru 6/2013 li biha l-akkuzat Anthony Cachia gie akkuzat talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), Anthony Cachia kien qiegħed fl-għalqa tiegħu, limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, liema għalqa hija konfinanti u viċina ħafna ma' għalqa oħra li hija propjeta' ta' Joseph Cachia, li jiġi ħu l-akkużat Anthony Cachia.

Waqt li l-akkużat kien qiegħed fi sqaq li hemm ma dan ir-raba u Joseph Cachia kien qiegħed fir-raba tiegħu ta' fuq, ċioe fuq in-naħa tal-lemin, qam argument bil-kliem bejn dawn l-aħwa Cachia dwar ħajt tas-sejjiegħ li jinsab bejn l-għelieqi u li kien inqaleb xi jiem qabel. Dan l-argument eskala tant li ftit ħin wara, Anthony Cachia, mill-kliem għadda għall-fatti u wara li għamel il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħuh Joseph f'perikolu ċar, qabad senter u spara xi tiri fid-direzzjoni tal-istess Joseph Cachia.

Fortunatament, għalkemm it-tiri sparati minn Anthony Cachia laqtu lil Joseph Cachia tant li nstabu diversi pellets taċ-ċomb f'diversi partijiet minn ġismu fosthom f'wiċċu u f'rasu tant li kkaġunaw feriti wħud minnhom anke klassifikati mill-esperti tal-Qorti bħala ta' natura gravi, ma laqtux partijiet vitali fil-ġisem ta' Joseph Cachia.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Anthony Cachia sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Anthony Cachia talli fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), waqt li kien fl-għelieqi tiegħu u/jew ta' ħuh Joseph Cachia u/jew fl-akkwati tal-istess, u liema għelieqi jinsabu fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (f'dan il-każ lil

ħuh Joseph Cachia), jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess persuna f'perikolu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

talab għalhekk jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn seba' (7) snin sa' tletin (30) sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), [217, 222(1)(a)], 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuża, u ċioe` fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, Anthony Cachia filwaqt li spara xi tiri fid-direzzjoni ta' ħuh Joseph Cachia bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdlu ħajtu f'perikolu ċar (u ċioe fil-ħin li kien qiegħed jagħmel delitt volontarju kontra l-persuna ta' ħuh) kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar jew arma regolari u ċioe' senter, mhux għal għan leġittimu.
Illi b'għemilu, l-imsemmi Joseph Cachia sar ħati talli fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna ta' ħuh (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Anthony Cachia talli fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq irrenda ruħu ħati talli fil-ħin li kien qiegħed jagħmel delitt kontra l-persuna (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu;

talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn (2) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 19, 26 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikolu 17, 18, 23, 31, 64 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tista skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-eċċezzjonijiet intavolati mill-akkużat fil-25 ta' Marzu, 2013 u li jinsabu a fol 7 li huma s-segwenti :

1. L-inammissibilita` ta' l-istqarrija ta' l-eccipjent in kwantu ttiehdet minghajr ma qabel ma kkonsulta ma' Avukat u minghajr ma kellu Avukat presenti waqt it-tehid taghha;
2. L-inammissibilita` konsegwenzjali ta' kwalsiasi referenza mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ghall-istqarrija msemmija fl-eccezzjoni precedenti;
3. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' Dr. Richard Sladden (a fol 83 et seq.) in kwantu hija in vjolazzjoni tat-tielet proviso ta' l-artikolu 548 tal-Kodici Kriminali;
4. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-esperti Brigadier Maurcie Calleja u PS 154 Jesmond Cassar in kwantu giet redatt kolleggjalment u l-imsemmi PS 154 Jesmond Cassar qatt ma gie nominat bhala espert ballistiku izda biss bhala espert tal-GSR;
5. L-inammissibilita` tax-xhud indikat mill-Avukat Generali Joseph Cachia in kwantu ghandu jitqies bhala ko-akkuzat u l-kaz tieghu ghadu ma ghaddiex in gudikat.

Rat l-unika eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali a fol 10 u 12 li fiha huwa talab li l-akkużat jindika xi jrid jiġi ppruvat mix-xhieda li l-istess akkużat indika fin-nota tiegħu tal-25 ta' Marzu 2013 liema lista ta' xhieda tidher a fol 8 tal-proċess.

Dwar din it-talba tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti tat lill-avukat difensur żmien sabiex huwa jindika xi jrid ikun ippruvat permezz tax-xhieda fil-lista tal-akkużat. L-akkużat ta r-raġunijiet tiegħu permezz ta' nota li issa tinsab fil-proċess.

Semgħet lill-abbli Difensur u lill-abbli Prosekutur jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom matul is-seduta tal-21 ta' Mejju 2013.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Żewġ Eċċezzjonijiet – L-inammissibilita' tal-istqarrija tal-akkużat għaliex ittieħdet mingħajr l-assistenza ta' avukat kif ukoll ta' kwalsiasi referenza mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni għal tali stqarrija.**

Iż-żewġ eċċezzjonijiet qegħdin jittieħdu flimkien għaliex għalkemm enumerati separatament, huma għandhom l-istess bażi għax jirreferu għall-istqarrija tal-akkużat fil-kwartieri tal-Pulizija u għal dak li forsi setgħu qalu xi xhieda tal-Prosekuzzjoni jekk dawn irreferew għall-istqarrija. (Min-naħa tal-akkużat m'hemm ebda indikazzjoni min huma dawn ix-xhieda).

Dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet din il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet 'Charles Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' (fost sentenzi oħrajn) u għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba'.

Fl-ewwel sentenza l-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk dwar l-istqarrija tal-akkużat:

'33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija tal-akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'tehdid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.

34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta’ qabel dan jinġieb għall-attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt.’

Fis-sentenza l-oħra ‘Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Saliba’, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) qalet hekk:

‘17. Iċ-ċirkostanzi tal-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza tal-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta’ qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f’dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta’ Muscat, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna tal-avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b’qerq jew b’theddid, jew bi xi wegħdiet jew bi twebbil ta’ vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x’kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta’ qal lil xi xhieda u f’liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.’

L-abbli difensur tal-akkużat waqt it-trattazzjoni ssottometta li d-difiża ma kenitx taqbel mal-pożizzjoni li ttieħdet mill-Qrati tagħna dwar l-istqarrijiet.

Il-Qorti qed tqis li dak li ntqal hawn fuq huwa d-duttrina preżenti kemm tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri. Konsegwentement il-Qorti ser timxi ma’ dawn l-insenjamenti. Barra minn dan l-erba’ artikoli fil-Kap 9 dwar il-Konfessjoni, jiġifieri 658 sa

661, m'għaddew minn ebda amendamenti u lanqas ma kien abrogat xi artikolu minnhom. Għalhekk dawn baqgħu jidhru fil-Liġi kif kienu qabel. Fl-aħħarnett il-Qorti tinnota li l-akkużat kellu 52 sena meta għamel l-istqarrija. Lanqas ma ntwera li kienu tpoġġa f'xi żvantaġġ huwa u jagħmel l-istqarrija.

**Għar-raġunijiet kollha miġjuba fil-paragrafu ta' qabel dan, il-Qorti mhix ser tilqa' dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-akkużat.**

**It-Tielet Eċċezzjoni – L-inammissibilita' tar-relazzjoni ta' Dr.Richard Sladden (fol 83 et seq).**

L-akkużat jirreferi għall-artikolu 548 li jipprovdi hekk:

*'Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xhieda tagħhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti relevanti.'*

L-ewwelnett il-Qorti eżaminat din id-dispożizzjoni sew u tinnota li l-Leġislatur ma ħoloq ebda nullita' meta jsiru tali ħatriet mill-Maġistrat matul inkjesta.

It-tieni : jirriżulta li l-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri diġa' kellha okkażjoni oħra biex tiddeċiedi punt simili dwar il-ħatra ta' avukat sabiex jiġbor ix-xhieda. Hawn qed issir referenza għas-sentenza tat-2 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta versus Carmel Saliba' fejn fil-paragrafu 20 qalet hekk:

'B'danakollu l-liġi ma kkominat ebda nullita' marbuta man-nuqqas tal-Maġistrat Inkwirenti. Ma hemm xejn x'jeskludi li l-Avukat Filletti jiġi prodott bħala xhud ordinarju sabiex jixhed dwar il-konstatazzjonijiet fattwali li huwa għamel meta aċċeda fuq il-post tal-inċident u biex jikkonferma l-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet li sarulu u li pew rapportati minnu, naturalment safejn ikun jinħtieġ. **Għalhekk m'hemm xejn li jostakola l-użu tad-dikjarazzjonijiet msemmija, kemm mill-Prosekuzzjoni u kemm mid-difiża għall-finijiet ta' kontroll, ġaladarba x-xhieda**

**kollha minnu mismugħa xehdu waqt il-kumpilazzjoni u sejrin** jiġu prodotti sabiex jixhdu viva voce waqt il-ġuri. Għalhekk ir-relazzjoni tal-Avukat Filletti għandha tibqa' parti mill-provi iżda ma titqassamx lill-ġurati. Difatti xhieda preċedenti tinqara u titqassam f'każ li fl-okkażjoni li jkun qiegħed jiġi ċelebrat il-ġuri, '**ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab.''**

Fil-każ ta' llum, ix-xhieda mismugħa mill-Avukat Dr Richard Sladden instemgħu matul il-kumpilazzjoni.

Matul it-trattazzjoni d-difiża qajmet kwistjoni dwar jekk ix-xhieda miġbura minn Dr Sladden jistgħux jintużaw għall-kontroll tax-xhieda. Jista' jkun li d-difiża ma kellhiex f'idejha kopja tas-sentenza. Kien għalhekk li din il-Qorti pproduċiet x'intqal eżatt mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) li tagħmilha ċara li din ix-xhieda tista' tintuża bħala mezz ta' kontroll kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mix-xhieda.

**Għalhekk il-Qorti ser timxi ma' dak li ntqal fis-sentenza msemmija hawn fuq u konsegwentement mhix tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-akkużat.**

**Ir-raba' eċċezzjoni : l-inammissibilita' tar-relazzjoni tal-esperti Brigadier Maurice Calleja u PS 154 Jesmond Cassar.**

It-teżi tad-difiża hija li l-ballistika u l-GSR m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin. Għalhekk ma jistax ikun li espert jirrelata ma' espert ieħor ġaladarba x-xjenzi huma daqshekk distinti.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li dawn ix-xjenzi jimxu flimkien. L-analiżi tal-ballistika ssir mill-espert maħtur għal dan il-għan waqt li l-elevazzjoni tal-GSR issir minn espert ieħor.

Il-Qorti eżaminat il-proċess u rat li n-nomini kienu speċifiċi. Eżaminat l-artikolu 650 tal-Kap 9 li tgħid sempliċiment li l-esperti għandhom jikkonfermaw ir-rapport tagħhom bil-ġurament.

Fil-fehma tal-Qorti għalkemm il-ballistika u l-elevazzjoni tal-GSR huma xjenzi differenti, ma jfissirx li dawn ma jimxux flimkien għaliex minkejja d-differenzi ta' bejniethom huma wkoll relatati.

Ma jirriżulta minn imkien mil-Liġi li hemm xi nullita' jekk l-esperti jaħdmu kolleġġjalment jew jikkonfermaw ir-relazzjoni flimkien.

Lanqas ma kien hemmm indikat lill-Qorti xi preġudizzju, ta' kwalunkwe xorta,  li jista' jsofri l-akkużat minħabba li r-rapport kien redatt kolleggjalment.

Fil-fehma tal-Qorti ma jistgħux jinħolqu 'inammissibiltajiet' jekk il-liġi jew il-każistika ma tkunx indikat talli inammissibilita'.

**Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tilqa r-raba' eċċezzjoni.**

**Il-ħames eċċezzjoni – L-inammissibilita' tax-xhud Joseph Cachia.**

Sakemm qed tinkiteb din is-sentenza, il-każ kontra Joseph Cachia għadu m'għaddiex in ġudikat.  L-artikolu 636(2) tal-Kap 9 dejjem kien interpretat b'dan il-mod. Għalhekk, jekk il-każ li fih huwa involut ix-xhud Joseph Cachia jkun għadu mhux deċiż sakemm jinstema' l-ġuri ta' Anthony Cachia, dan ix-xhud ma jkunx jista' jiġi prodott bħala xhud. Jekk il-każ ta' Joseph Cachia jkun sar 'res judicata' allura x-xhud Joseph Cachia ikun jista' jinstema'  u japplika għall-każ, jekk ikun l-uniku xhud kontra l-akkużat, l-artikolu 639(3) tal-Kap 9.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-akkużat fil-limiti msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------